



## **Anness I għar-Regolament ta' Kopertura li jemenda dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru**

### **Emendi għall-Anness IV - Parti-CAT (S, B)**

## Il-Werrej

<b>Emendi għall-Anness IV (Parti-CAT).....</b>	<b>5</b>
<b>Subparti A – Rekwiżiti ġenerali .....</b>	<b>5</b>
CAT.GEN.105 Touring motor gliders, gliders bil-mutur u blalen tal-arja mħalltin.....	5
<b>Taqsim 2 – Inġenji tal-ajru mhux motorizzati .....</b>	<b>5</b>
CAT.GEN.NMPA.100 Ir-responsabbiltajiet tal-kmandant.....	5
CAT.GEN.NMPA.105 Membru tal-ekwipaġġ addizzjonali tal-ballun tal-arja.....	7
CAT.GEN.NMPA.110 L-awtorità tal-kmandant.....	7
CAT.GEN.NMPA.115 Lingwa komuni .....	7
CAT.GEN.NMPA.120 Mezzi elettroniċi portabbli .....	7
CAT.GEN.NMPA.125 Informazzjoni dwar it-tagħmir ta' emerġenza u ta' salvataġġ li jkun hemm abbord .....	7
CAT.GEN.NMPA.130 Alkoħol u drogi .....	8
CAT.GEN.NMPA.135 Tpoġġija tas-sigurtà fil-periklu.....	8
CAT.GEN.NMPA.140 Id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni li għandhom jinġarru.....	8
CAT.GEN.NMPA.145 Il-provvista ta' dokumentazzjoni u reġistri .....	9
CAT.GEN.NMPA.150 It-trasport ta' oġġetti perikolużi .....	9
CAT.GEN.NMPA.155 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sigurtà.....	9
<b>Subparti B – Proċeduri operattivi.....</b>	<b>10</b>
<b>Taqsim 2 – Inġenji tal-ajru mhux motorizzati .....</b>	<b>10</b>
CAT.OP.NMPA.100 L-użu ta' ajrudromi u siti operattivi .....	10
CAT.OP.NMPA.105 Proċeduri għat-tnaqqis tal-ħoss - blalen tal-arja u gliders bil-magna .....	10
CAT.OP.NMPA.110 L-ippjanar u l-provvista tal-karburanti jew tas-saborra – blalen tal-arja .....	10
CAT.OP.NMPA.115 Il-ġarr ta' kategoriji speċjali ta' passiġġieri (SCPs).....	10
CAT.OP.NMPA.120 L-ġhoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri .....	10
CAT.OP.NMPA.125 It-tnejn għat-titjira .....	10
CAT.OP.NMPA.130 Il-preżentazzjoni tal-pjan tat-titjira ATS .....	11
CAT.OP.NMPA.135 Il-preparazzjoni tal-kompartimenti tal-passiġġieri u tal-bdoti - blalen tal-arja.....	11
CAT.OP.NMPA.140 It-tipjip abbord.....	11
CAT.OP.NMPA.145 Il-kondizzjonijiet meteoroloġiċi .....	11

CAT.OP.NMPA.150	Is-silġ u kontaminanti oħrajn – proċeduri ta' fuq l-art .....	11
CAT.OP.NMPA.155	Il-kondizzjonijiet tat-tluġh.....	12
CAT.OP.NMPA.160	Simulazzjoni ta' sitwazzjonijiet anormali waqt titjira.....	12
CAT.OP.NMPA.165	Il-ġestjoni tal-karburanti u tas-saborra waqt it-titjira – blalen tal-arja .....	12
CAT.OP.NMPA.170	L-użu ta' ossiġenu supplimentari .....	12
CAT.OP.NMPA.175	Il-kondizzjonijiet ta' avviċinament u ta' inżul .....	12
CAT.OP.NMPA.180	Limitazzjonijiet operattivi – blalen li jaħdmu b'arja sħuna .....	12
CAT.OP.NMPA.185	Limitazzjonijiet operattivi – gliders .....	12
<b>Subparti Ċ – Il-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru u l-limitazzjonijiet operattivi.....</b>		<b>13</b>
<b>Taqsim 4 – Gliders .....</b>		<b>13</b>
CAT.POL.S.100	Limitazzjonijiet operattivi .....	13
CAT.POL.S.105	Użin .....	13
CAT.POL.S.110	Prestazzjoni .....	13
<b>Taqsim 5 – Blalen tal-arja .....</b>		<b>14</b>
CAT.POL.B.100	Limitazzjonijiet operattivi.....	14
CAT.POL.B.105	Użin.....	14
CAT.POL.B.110	Sistema biex tiġi ddeterminata l-massa .....	14
CAT.POL.B.115	Prestazzjoni.....	14
<b>Subparti D – Strumenti, dejta u tagħmir .....</b>		<b>16</b>
<b>Taqsim 3 – Gliders .....</b>		<b>16</b>
CAT.IDE.S.100	Strumenti u tagħmir – ġenerali.....	16
CAT.IDE.S.105	Tagħmir minimu għal titjira .....	16
CAT.IDE.S.110	Operazzjonijiet taħt VFR – strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni.....	17
CAT.IDE.S.115	Titjir fl-isħab – strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni.....	17
CAT.IDE.S.120	Is-siġġijiet u s-sistemi ta' rbit.....	17
CAT.IDE.S.125	Ossiġenu supplimentari .....	17
CAT.IDE.S.130	Titjir fuq l-ilma.....	18
CAT.IDE.S.135	Tagħmir tas-salvataġġ .....	18
CAT.IDE.S.140	Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju .....	18
CAT.IDE.S.145	Tagħmir tan-navigazzjoni .....	18
CAT.IDE.S.150	Transponder.....	18
<b>Taqsim 4 – Blalen tal-arja .....</b>		<b>19</b>
CAT.IDE.B.100	Strumenti u tagħmir – ġenerali .....	19

CAT.IDE.B.105	Tagħmir minimu għal titjira.....	19
CAT.IDE.B.110	Id-dwal tat-tħaddim .....	20
CAT.IDE.B.115	Operazzjonijiet taħt VFR – strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat.....	20
CAT.IDE.B.120	Sistemi ta' rbit.....	20
CAT.IDE.B.125	Kitt tal-ewwel għajnuna.....	20
CAT.IDE.B.130	Ossiġenu supplimentari .....	20
CAT.IDE.B.135	Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar .....	21
CAT.IDE.B.140	Titjir fuq l-ilma .....	21
CAT.IDE.B.145	Tagħmir tas-salvataġġ.....	21
CAT.IDE.B.150	Tagħmir mixxellanju .....	21
CAT.IDE.B.155	Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju.....	22
CAT.IDE.B.160	Transponder .....	22

## Emendi għall-Anness IV (Parti-CAT)

L-Anness IV ('Parti-CAT') għar-Regolament (KE) Nru xx/xxxx huwa emendat kif ġej:

### Subparti A – Rekwiżiti ġenerali

1) Hija miżjuda dispożizzjoni ġdida mas-Subparti A – Rekwiżiti ġenerali:

#### **CAT.GEN.105 Touring motor gliders, gliders bil-mutur u blalen tal-arja mħalltin**

- (a) Il-gliders bil-mutur, esklużi touring motor gliders, għandhom jitħaddmu u jkunu mgħammra skont ir-rekwiżiti applikabbli għall-gliders.
- (b) It-touring motor gliders (TMGs) għandhom jitħaddmu billi jiġu segwiti r-rekwiżiti għal:
  - (1) ajruplani meta dawn jitħaddmu permezz ta' magna; u
  - (2) gliders meta dawn jitħaddmu mingħajr l-użu ta' magna.
- (c) It-TMGs għandhom ikunu mgħammra skont ir-rekwiżiti applikabbli għall-ajruplani, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-CAT.IDE.A.
- (d) Il-blalen tal-arja mħalltin għandhom jitħaddmu skont ir-rekwiżiti għall-blalen li jaħdmu b'arja sħuna.

2) Għandha tiddaħħal Taqsima 2 ġdida fis-Subparti A – Rekwiżiti ġenerali kif ġej:

### Taqsima 2 – Inġenji tal-ajru mhux motorizzati

#### **CAT.GEN.NMPA.100 Ir-responsabbiltajiet tal-kmandant**

- (a) Il-kmandant għandu:
  - (1) ikun responsabbli mis-sigurtà tal-membri kollha tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri abbord, minn dak il-ħin li l-kmandant jasal fuq l-inġenju tal-ajru, sakemm il-kmandant iħalli l-inġenju tal-ajru fi tmiem it-titjira;
  - (2) ikun responsabbli mit-tħaddim u mis-sigurtà tal-inġenju tal-ajru:
    - (i) għall-blalen tal-arja, mill-mument li jibda jintnefaħ l-envelopp sakemm terġa' titniżżel l-arja mill-envelopp, sakemm il-kmandant ma jkunx iddelega r-responsabbiltà lil persuna kkwalifikata oħra matul il-fażi tal-mili sakemm jasal il-kmandant, kif speċifikat fil-manwal tal-operazzjonijiet (operations manual - OM);
    - (ii) għall-gliders, mill-mument li tibda l-proċedura tal-qtuġh mill-art tal-inġenju tal-ajru sakemm il-glider finalment jieqaf fi tmiem it-titjira;

- (3) ikollu l-awtorità li jagħti l-kmandi kollha u jieħu kwalunkwe azzjoni xierqa bl-iskop li tiġi żgurata s-sigurtà tal-inġenju tal-ajru u tal-persuni u/jew tal-proprjetà li tkun qiegħda tinġarr fuqu skont 7.ċ. tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008;
  - (4) ikollu l-awtorità li ma jimbarkax u li jniżżel kwalunkwe persuna li tista' tirrappreżenta periklu potenzjali għas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru jew tal-persuni li jkunu fuqu;
  - (5) ma jħallix tivvjaġġa fl-inġenju tal-ajru persuna li tkun tidher li hija taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-droga b'tali mod li tkun tidher li tista' tiġi pperikolata s-sigurtà tal-inġenju tal-ajru jew tal-persuni li jkunu fuqu;
  - (6) jiżgura li l-passiġġieri kollha jkunu rċevew informazzjoni dwar is-sigurtà;
  - (7) jiżgura li jiġu rrispettati l-proċeduri operattivi u l-listi ta' kontroll kollha skont il-manwal tal-operazzjonijiet;
  - (8) jiżgura li titwettag spezzjoni qabel it-titjira skont ir-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003;
  - (9) ikun sodisfatt li t-tagħmir ta' emerġenza rilevanti jibqa' faċilment aċċessibbli għal użu immedjat;
  - (10) ikun konformi mar-rekwiżiti rilevanti tal-iskemi tal-operatur ta' rapportaġġ ta' okkorrenzi;
  - (11) ikun konformi mal-limitazzjonijiet kollha tat-titjira u tal-ħin tas-servizz (FTL) u mar-rekwiżiti tal-mistrieħ applikabbli għall-attivitajiet tiegħu;
  - (12) meta jwettaq doveri għal aktar minn operatur wieħed:
    - (i) iżomm ir-reġistri individwali tiegħu fir-rigward tat-titjira u l-ħinijiet tas-servizz, kif ukoll tal-perjodi ta' mistrieħ, kif imsemmi fir-rekwiżiti tal-FTL applikabbli; u
    - (ii) jipprovdi lil kull operatur bid-dejta meħtieġa għall-iskedar tal-attivitajiet skont ir-rekwiżiti tal-FTL applikabbli.
- (b) Il-kmandant ma għandux iwettaq doveri fuq inġenju tal-ajru:
- (1) meta jkun taħt l-influwenza ta' sustanzi psikoattivi jew tal-alkoħol jew meta ma jkunx f'siktu minħabba korriment, għeja kbira, medikazzjoni, mard jew kawżi simili oħrajn;
  - (2) sakemm ikun għadda perjodu ta' ħin raġonevoli wara għadis fil-baħar fond jew wara donazzjoni tad-demmi;
  - (3) jekk ma jiġux issodisfati r-rekwiżiti mediċi applikabbli;
  - (4) jekk ikollu dubju dwar jekk ikunx kapaċi jwettaq id-doveri assenjati lilu; jew
  - (5) jekk ikun jaf jew jissuspetta li qiegħed ibati minn għeja kbira kif imsemmi f'7.f. tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jew jekk iħossu li mhuwiex f'siktu, tant li t-titjira tista' tkun ipperikolata.
- (c) Il-kmandant għandu, f'sitwazzjoni ta' emerġenza li tirrikjedi t-teħid ta' deċiżjoni u azzjoni immedjata, jieħu kwalunkwe azzjoni li l-kmandant iqis li hija neċessarja taħt iċ-ċirkostanzi skont 7.d. tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. F'każijiet bħal dawn, huwa jista' jiddevja mir-regoli, mill-proċeduri operattivi u mill-metodi fl-interess tas-sigurtà.

- (d) Il-kmandant ta' ballun tal-arja għandu:
- (1) ikun responsabbli mill-għoti ta' informazzjoni qabel it-titjira lil dawk il-persuni li jassistu fl-inflazzjoni u fit-tniżżil tal-arja tal-envelopp;
  - (2) jiżgura li ebda persuna ma tpejjeq abbord jew fil-viċinanza diretta tal-ballun tal-arja; u
  - (3) jiżgura li l-persuni li jassistu fl-inflazzjoni u fit-tniżżil tal-arja tal-envelopp jilbsu lbies protettiv xieraq.

**CAT.GEN.NMPA.105 Membru tal-ekwipaġġ addizzjonali tal-ballun tal-arja**

- (a) Meta ballun tal-arja jgħorri aktar minn 19-il passiġġier, għandu jkun hemm mill-inqas membru tal-ekwipaġġ addizzjonali wieħed bl-esperjenza u t-taħriġ adegwat preżenti abbord biex jassisti lill-passiġġieri f'każ ta' emerġenza.
- (b) Il-membri tal-ekwipaġġ addizzjonali ma għandux iwettaq doveri fuq ballun tal-arja:
- (1) meta jkun taħt l-influenza ta' sustanzi psiko-attivi jew tal-alkoħol;
  - (2) meta ma jkunx f'siktu minħabba korriment, għeja kbira, medikazzjoni, mard jew kawżi simili oħrajn; jew
  - (3) sakemm ikun għadda perjodu ta' ħin raġonevoli wara għadis fil-baħar fond jew wara donazzjoni tad-demmi;

**CAT.GEN.NMPA.110 L-awtorità tal-kmandant**

L-operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiżgura li l-persuni kollha li jkunu qegħdin jivvjaġġaw fl-inġenju tal-ajru jobdu l-kmandi leġittimi kollha mogħtija mill-kmandant bil-għan li tiġi żgurata s-sigurtà tal-inġenju tal-ajru u tal-persuni jew tal-proprjetà li jkunu fuqu.

**CAT.GEN.NMPA.115 Lingwa komuni**

L-operatur għandu jiżgura li l-membri kollha tal-ekwipaġġ ikunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin b'lingwa komuni.

**CAT.GEN.NMPA.120 Mezzi elettroniċi portabbli**

L-operatur ma għandu jippermetti lill-ebda persuna tuża mezz elettroniku portabbli (portable electronic device - PED) abbord inġenju tal-ajru li jista' jaffettwa b'mod negattiv il-prestazzjoni tas-sistemi u tat-tagħmir tal-inġenju tal-ajru, filwaqt li għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jipprevjeni dan l-użu.

**CAT.GEN.NMPA.125 Informazzjoni dwar it-tagħmir ta' emerġenza u ta' salvataġġ li jkun hemm abbord**

L-operatur għandu dejjem ikollu disponibbli għall-komunikazzjoni immedjata maċ-ċentri tal-koordinazzjoni tas-salvataġġ (rescue coordination centres - RCCs) listi li jkun fihom informazzjoni dwar it-tagħmir ta' emerġenza u ta' salvataġġ abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru minn tiegħu.

**CAT.GEN.NMPA.130 Alkoħol u drogi**

L-operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiżgura li l-ebda persuna ma tidħol jew tkun ġewwa inġenju tal-ajru meta tkun taħt l-influenza tal-alkoħol jew tad-droga, tant li tista' tkun ipperikolata s-sigurtà tal-inġenju tal-ajru jew tal-persuni li jkunu fuqu.

**CAT.GEN.NMPA.135 Tpoġġija tas-sigurtà fil-periklu**

L-operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiżgura li l-ebda persuna ma taġixxi jew tonqos milli taġixxi b'imprudenza jew b'negliġenza tant li:

- (a) tpoġġi fil-periklu l-inġenju tal-ajru jew il-persuni li jkunu fih jew fuq l-art; jew
- (b) tikkawża jew tippermetti inġenju tal-ajru li jpoġġi fil-periklu kwalunkwe persuna jew proprjetà.

**CAT.GEN.NMPA.140 Id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni li għandhom jinġarru**

- (a) Id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni li ġejjin għandhom jinġarru abbord fuq kull titjira, bħala l-verżjonijiet oriġinali jew kopji tagħhom, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor:
  - (1) il-manwal tat-titjira tal-inġenju tal-ajru (AFM) jew dokument(i) ekwivalenti;
  - (2) iċ-ċertifikat oriġinali tar-reġistrazzjoni;
  - (3) iċ-ċertifikat oriġinali tal-ajrunavigabbiltà (CofA);
  - (4) iċ-ċertifikat tal-ħoss, jekk applikabbli;
  - (5) kopja taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru (AOC);
  - (6) l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet rilevanti għat-tip ta' inġenju tal-ajru, maħruġa mill-AOC, jekk applikabbli;
  - (7) il-liċenzja tar-radju tal-inġenju tal-ajru, jekk applikabbli;
  - (8) iċ-ċertifikat(i) tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ta' terza persuna;
  - (9) il-ġurnal tal-vjaġġ, jew l-ekwivalenti tiegħu, għall-inġenju tal-ajru;
  - (10) il-ġurnal tekniku tal-inġenju tal-ajru, skont l-Anness I (Parti-M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, jekk applikabbli;
  - (11) id-dettalji tal-pjan tat-titjira tas-servizz tat-traffiku tal-ajru (ATS) li jiġu ffajljati, jekk applikabbli;
  - (12) il-karti ajrunawtiċi attwali u xierqa għar-rotta tat-titjira proposta u r-rotot kollha li matulhom huwa mistenni b'mod raġonevoli li tista' tiġi ddevjata t-titjira;
  - (13) l-informazzjoni dwar il-proċeduri u s-sinjali viżwali li jintużaw mill-inġenji tal-ajru interċettati u li jagħmlu l-interċettazzjoni;
  - (14) l-informazzjoni dwar is-servizzi ta' tfitxija u salvataġġ għaż-żona fejn mistennija ssir it-titjira;
  - (15) avviżi xierqa lill-membri tal-ekwipaġġ tal-inġenju tal-ajru (NOTAMs) u dokumentazzjoni dwar l-għoti ta' informazzjoni tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika;

- (16) informazzjoni meteoroloġika xierqa;
  - (17) il-manifesti tal-passiġġieri, jekk applikabbli;
  - (18) għall-gliders, dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ, filwaqt li għall-blalen tal-arja, dokumentazzjoni dwar il-massa;
  - (19) il-pjan operattiv tat-titjira, jekk applikabbli; u
  - (20) kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li tista' tkun pertinenti għat-titjira jew tkun mitluba mill-Istati kkonċernati mit-titjira.
- (b) Minkejja l-punt (a), id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni speċifikati jistgħu jinġarru fil-vettura li tintuża biex tiġbor l-affarijiet jew jinżammu fl-ajrudrom jew fis-sit operattiv fuq titjiriet li huma intiżi biex:
- (1) jitolqu u jillandjaw fl-istess ajrudrom jew sit operattiv; jew
  - (2) jibqgħu f'żona lokali speċifikata fil-manwal tal-operazzjonijiet.

#### **CAT.GEN.NMPA.145 Il-provvista ta' dokumentazzjoni u reġistri**

Il-kmandant għandu, fi żmien raġonevoli minn meta jintalab jaqmel dan minn persuna awtorizzata minn xi awtorità, jipprovi lil dik il-persuna bid-dokumentazzjoni meħtieġa abbord l-inġenju tal-ajru.

#### **CAT.GEN.NMPA.150 It-trasport ta' oġġetti perikolużi**

- (a) It-trasport ta' oġġetti perikolużi ma għandux ikun permess, ħlief meta:
- (1) dawn ma jkunux soġġetti għall-Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport Mingħajr Periklu ta' Oġġetti Perikolużi bl-Ajru (ICAO Dok 9284-AN/905) skont il-Parti 1 ta' daww l-Istruzzjonijiet; jew
  - (2) dawn jinġarru minn passiġġieri jew membri tal-ekwipaġġ, jew ikunu fil-bagalja, skont il-Parti 8 tal-Istruzzjonijiet Tekniċi.
- (b) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri sabiex jiżgura li jittieħdu l-miżuri raġonevoli kollha li jipprevjenu lill-oġġetti perikolużi milli jinġarru abbord b'mod negliġenti.
- (c) L-operatur għandu jipprovi lill-membri tal-persunal bl-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

#### **CAT.GEN.NMPA.155 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sigurtà**

L-operatur għandu jimplementa:

- (a) kwalunkwe miżura ta' sigurtà awtorizzata mill-awtorità kompetenti skont ARO.GEN.135 (c); u
- (b) kwalunkwe informazzjoni obligatorja u rilevanti dwar is-sigurtà maħruġa mill-Aġenzija, inklużi direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà.

### Subparti B – Proċeduri operattivi

3) Għandha tiddaħħal Taqsima 2 ġdida fis-Subparti B – Proċeduri operattivi kif ġej:

#### Taqsima 2 – Inġenji tal-ajru mhux motorizzati

##### **CAT.OP.NMPA.100 L-użu ta' ajrudromi u siti operattivi**

L-operatur għandu juża biss ajrudromi u siti operattivi li jkunu adegwati għat-tip(i) ta' inġenji tal-ajru u operazzjoni(jiet) ikkonċernati.

##### **CAT.OP.NMPA.105 Proċeduri għat-tnaqqis tal-ħoss - blalen tal-arja u gliders bil-magna**

Il-kmandant għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-effett tal-ħoss tal-inġenju tal-ajru filwaqt li jiżgura li s-sigurtà tingħata prijorità fuq it-tnaqqis tal-ħoss.

##### **CAT.OP.NMPA.110 L-ippjanar u l-provvista tal-karburanti jew tas-saborra – blalen tal-arja**

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-karburanti jew is-saborra li jkunu qegħdin jinġarru jkunu biżżejjed għat-tul ta' ħin intiż għat-titjira flimkien ma' riżerva għal 30 minuta ta' titjir.
- (b) Il-kalkoli tal-karburanti jew tas-saborra għandhom ikunu bbażati fuq mill-inqas il-kondizzjonijiet operattivi li ġejjin li taħthom għandha ssir it-titjira:
  - (1) dejta pprovduta mill-manifattur tal-ballun tal-arja;
  - (2) il-massa mbassra;
  - (3) il-kondizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija; u
  - (4) il-proċeduri u r-restrizzjonijiet tal-fornitur(i) tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru.
- (c) Il-kalkoli għandhom jiġu ddokumentati fi pjan operattiv tat-titjira.

##### **CAT.OP.NMPA.115 Il-ġarr ta' kategoriji speċjali ta' passiġġieri (SCPs)**

Persuni li jeħtieġu kondizzjonijiet, assistenza u/jew mezzi speċjali fuq titjira għandhom jitqiesu bħala SCPs u għandhom jinġarru taħt kondizzjonijiet li jiżguraw is-sigurtà tal-inġenju tal-ajru u tal-persuni li jkunu fih skont il-proċeduri stabbiliti mill-operatur.

##### **CAT.OP.NMPA.120 L-għoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri**

L-operatur għandu jiżgura li l-passiġġieri jingħataw informazzjoni dwar is-sigurtà qabel jew, fejn xieraq, waqt it-titjira.

##### **CAT.OP.NMPA.125 It-thejjija għat-titjira**

Qabel jibda t-titjira, il-kmandant għandu:

- (a) jaċċerta b'kull mezz raġonevoli disponibbli li l-faċilitajiet ta' fuq l-art, inklużi l-faċilitajiet tal-komunikazzjoni u l-għajjniet tan-navigazzjoni disponibbli u direttament meħtieġa fuq tali titjira, għat-tħaddim mingħajr periklu tal-inġenju tal-ajru, ikunu adegwati għat-tip ta' operazzjoni li taħtha għandha ssir it-titjira; u
- (b) ikun familjari mal-informazzjoni meteoroloġika kollha disponibbli li tkun adattata għat-titjira intiża. It-tnejn għal titjira 'l bogħod mill-viċinanza tal-post tat-tluq għandha tinkludi:
  - (1) studju tar-rapporti u t-tbassiriet tat-temp attwali; u
  - (2) l-ippjanar ta' kors alternattiv ta' azzjoni għall-eventwalità li t-titjira ma tkunx tista' titlesta kif ippjanat, minħabba l-kondizzjonijiet tat-temp.

#### **CAT.OP.NMPA.130 Il-preżentazzjoni tal-pjan tat-titjira ATS**

- (a) Jekk ma jkunx ġie ppreżentat pjan tat-titjira ATS minħabba li ma jkunx meħtieġ mir-regoli tal-ajru, għandha tiġi ddepożitata informazzjoni adegwata sabiex tippermetti li jiġu attivati s-servizzi ta' twissija, jekk ikunu meħtieġa.
- (b) Meta jkun qiegħed jopera minn sit fejn ikun impossibbli li jiġi ppreżentat pjan tat-titjira ATS, il-pjan tat-titjira ATS għandu jintbagħat mill-kmandant jew mill-operatur mill-aktar fis possibbli wara t-tluq tal-inġenju tal-ajru.

#### **CAT.OP.NMPA.135 Il-preparazzjoni tal-kompartimenti tal-passiġġieri u tal-bdoti - blalen tal-arja**

Il-kmandant għandu jiżgura li, qabel it-tluq u l-inżul, u kull meta jqis li huwa neċessarju fl-interess tas-sigurtà:

- (a) it-tagħmir u l-bagalji kollha jkunu marbuta sew; u
- (b) l-evakwazzjoni f'każ ta' emerġenza tibqa' possibbli.

#### **CAT.OP.NMPA.140 It-tipjip abbord**

L-ebda persuna ma tista' tpejjep abbord glider jew ballun tal-arja.

#### **CAT.OP.NMPA.145 Il-kondizzjonijiet meteoroloġiċi**

Il-kmandant għandu jibda jew ikompli titjira VFR biss jekk l-aħħar informazzjoni meteoroloġika disponibbli tindika li l-kondizzjonijiet tat-temp tul ir-rotta u fid-destinazzjoni intiża fil-ħin tal-użu kkalkolat se jrin ikunu fi jew 'il fuq mill-valuri minimi operattivi applikabbli tal-VFR.

#### **CAT.OP.NMPA.150 Is-silġ u kontaminanti oħrajn – proċeduri ta' fuq l-art**

Il-kmandant għandu jagħti bidu għat-tluq biss jekk l-inġenju tal-ajru jkun ħieles minn kwalunkwe depożitu li jista' jaffettwa ħażin l-eżekuzzjoni jew il-kapaċità ta' kontroll tal-inġenju tal-ajru, ħliet kif ikun awtorizzat skont l-AFM.

**CAT.OP.NMPA.155 Il-kondizzjonijiet tat-tlugħ**

Qabel jagħti bidu għat-tlugħ, il-kmandant għandu jkun sodisfatt li skont l-informazzjoni li tkun disponibbli lilu, it-temp fl-ajrudrom jew fis-sit operattiv ma jkun sejjer joħloq ebda periklu fit-tlugħ u fit-tluq.

**CAT.OP.NMPA.160 Simulazzjoni ta' sitwazzjonijiet anormali waqt titjira**

Il-kmandant għandu jiżgura li, meta jgħorr il-passiġġieri, sitwazzjonijiet anormali jew ta' emerġenza li jkunu jeħtieġu l-applikazzjoni ta' proċeduri anormali jew ta' emerġenza ma jiġux simulati.

**CAT.OP.NMPA.165 Il-ġestjoni tal-karburanti u tas-saborra waqt it-titjira – blalen tal-arja**

Il-kmandant għandu jiċċekkja f'intervalli regolari li l-ammonti ta' karburant u saborra li jistgħu jintużaw u li jibqgħu għat-titjira ma jkunux inqas mill-karburant u s-saborra meħtieġa sabiex titlesta t-titjira intiża u r-riżerva ppjanata għall-inżul.

**CAT.OP.NMPA.170 L-użu ta' ossiġenu supplimentari**

Il-kmandant għandu jiżgura li l-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira impjegati biex iwettqu d-doveri essenzjali għat-tħaddim mingħajr periklu tal-inġenju tal-ajru waqt it-titjira jużaw ossiġenu supplimentari b'mod kontinwu kull meta l-altitudni tal-pessjoni tkun iżjed minn 10,000 pied għal perjodu ta' aktar minn 30 minuta u kull meta l-altitudni tal-pessjoni tkun iżjed minn 13,000 pied.

**CAT.OP.NMPA.175 Il-kondizzjonijiet ta' avviċinament u ta' inżul**

Qabel ma tinbeda l-proċedura ta' avviċinament għall-inżul, il-kmandant għandu jkun sodisfatt li, skont l-informazzjoni disponibbli lilu, it-temp fl-ajrudrom jew fis-sit operattiv u l-kondizzjoni tal-wiċċ tal-art li jkun maħsub li jintuża ma johlqox periklu għall-avviċinament u l-inżul.

**CAT.OP.NMPA.180 Limitazzjonijiet operattivi – blalen li jaħdmu b'arja sħuna**

It-tlugħ ta' ballun li jaħdem b'arja sħuna jista' jsir matul il-lejl, bil-kondizzjoni li jinġarr biżżejjed karburant għal inżul matul il-ġurnata.

**CAT.OP.NMPA.185 Limitazzjonijiet operattivi – gliders**

Glider għandu jitħaddem biss matul il-ġurnata.

**Subparti Ċ – Il-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru u l-limitazzjonijiet operattivi**

4) Għandha tiddaħħal Taqsima 4 ġdida fis-Subparti Ċ – Il-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru u l-limitazzjonijiet operattivi kif ġej:

**Taqsima 4 – Gliders****CAT.POL.S.100 Limitazzjonijiet operattivi**

- (a) Matul kull fażi tat-tħaddim, it-tagħbija, il-massa u l-pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità (CG) tal-gliders għandhom ikunu konformi ma' kwalunkwe limitazzjoni speċifikata fl-AFM jew fil-manwal tal-operazzjonijiet (OM), jekk dan ikun aktar restrittiv.
- (b) L-avviżi, il-listi, l-immakar tat-tagħmir jew kombinazzjonijiet tagħhom, li jkun fihom dawk il-limitazzjonijiet operattivi preskritti mill-AFM għal preżentazzjoni viżiva, għandhom jintwerew fil-gliders.

**CAT.POL.S.105 Użin**

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-massa u ċ-ċentru tal-gravità tal-gliders ikunu ġew stabbiliti billi dan jintiżen qabel id-dħul inizjali fis-servizz. L-effetti akkumulati tal-modifiki u t-tiswijiet fuq il-massa u l-bilanċ għandhom jitqiesu sew u jiġu ddokumentati kif xieraq. Tali informazzjoni għandha titpoġġa disponibbli għall-kmandant.
- (b) Il-gliders għandu jintiżen mill-ġdid jekk l-effett tal-modifiki fuq il-massa u l-bilanċ ma jkunx magħruf eżatt.

**CAT.POL.S.110 Prestazzjoni**

Il-kmandant għandu jħaddem il-gliders biss jekk il-prestazzjoni tkun adegwata biex dan ikun konformi mar-regoli applikabbli tal-ajru u kwalunkwe restrizzjoni oħra applikabbli għat-titjira, l-ispazju tal-ajru jew l-ajrudromi jew is-siti operattivi użati, billi tittieħed f'kunsiderazzjoni l-eżattezza tal-iċċartjar ta' kwalunkwe tabella u mappa li tintuża.

6) Għandha tiddaħħal Taqsima 5 ġdida fis-Subparti Ċ – Il-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru u l-limitazzjonijiet operattivi kif ġej:

### **Taqsima 5 – Blalen tal-arja**

#### **CAT.POL.B.100 Limitazzjonijiet operattivi**

- (a) Matul kull fażi tat-tħaddim, it-tagħbija u l-massa tal-ballun tal-arja għandhom ikunu konformi ma' kwalunkwe limitazzjoni speċifikata fl-AFM jew fil-manwal tal-operazzjonijiet (OM), jekk dan ikun aktar restrittiv.
- (b) L-avviżi, il-listi, l-immarkar tat-tagħmir jew kombinazzjonijiet tagħhom, li jkun fihom dawk il-limitazzjonijiet operattivi preskritti mill-AFM għal preżentazzjoni viżiva, għandhom jintwerew fil-glider.

#### **CAT.POL.B.105 Użin**

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-massa tal-ballun tal-arja tkun ġiet stabbilita billi dan jintiżen qabel id-dħul inizjali fis-servizz. L-effetti akkumulati tal-modifiki u t-tiswijiet fuq il-massa għandhom jitqiesu sew u jiġu ddokumentati kif xieraq. Tali informazzjoni għandha titpoġġa disponibbli għall-kmandant.
- (b) Il-ballun tal-arja għandu jintiżen mill-ġdid jekk l-effett tal-modifiki fuq il-massa ma jkunx magħruf eżatt.

#### **CAT.POL.B.110 Sistema biex tiġi ddeterminata l-massa**

- (a) L-operatur ta' ballun tal-arja għandu jistabbilixxi sistema li tispeċifika kif il-punti li ġejjin jiġu ddeterminati b'mod preċiż għal kull titjira sabiex il-kmandant ikun jista' jivverifika li jiġu rrispettati l-limitazzjonijiet tal-AFM:
  - (1) il-massa vojta tal-ballun tal-arja;
  - (2) il-massa tat-tagħbija tat-traffiku;
  - (3) il-massa tat-tagħbija tal-karburant jew tas-saborra;
  - (4) il-massa tat-tluq;
  - (5) it-tagħbija tal-ballun tal-arja mwettqa taħt is-superviżjoni tal-kmandant jew tal-persunal kwalifikat;
  - (6) it-tnejn u d-dispożizzjoni tad-dokumentazzjoni kollha.
- (b) Il-komputazzjoni tal-massa bbażata fuq kalkoli elettroniċi għandha tkun replikabbli mill-kmandant.
- (c) Id-dokumentazzjoni tal-massa għandha titħejja qabel kull titjira u tiġi ddokumentata fi pjan operattiv tat-titjira.

#### **CAT.POL.B.115 Prestazzjoni**

Il-kmandant għandu jħaddem il-ballun tal-arja biss jekk il-prestazzjoni tkun adegwata biex dan ikun konformi mar-regoli applikabbli tal-ajru u kwalunkwe restrizzjoni oħra applikabbli

għat-titjira, l-ispazju tal-ajru jew l-ajrudromi jew is-siti operattivi użati, billi tittieħed f'kunsiderazzjoni l-eżattezza tal-iċċartjar ta' kwalunkwe tabella u mappa li tintuża.

### Subparti D – Strumenti, dejta u tagħmir

7) Għandha tiddaħħal Taqsima 3 ġdida fis-Subparti D – Strumenti, dejta u tagħmir kif ġej:

#### Taqsima 3 – Gliders

##### CAT.IDE.S.100 Strumenti u tagħmir – ġenerali

- (a) L-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa minn din is-Subparti għandhom jiġu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 jekk dawn:
- (1) jintużaw mill-ekwipaġġ tat-titjira sabiex jiġi kkontrollat il-passaġġ tat-titjira;
  - (2) jintużaw biex tintlaħaq konformità ma' CAT.IDE.S.140;
  - (3) jintużaw biex tintlaħaq konformità ma' CAT.IDE.S.145; jew
  - (4) jiġu installati fil-gliders.
- (b) L-oġġetti li ġejjin, meta jkunu meħtieġa minn din is-Subparti, ma jeħtieġu ebda approvazzjoni tat-tagħmir:
- (1) dawl portabbli indipendenti;
  - (2) strument ta' ħin preċiż; u
  - (3) tagħmir tas-salvataġġ u tas-sinjali.
- (c) L-istrumenti u t-tagħmir li mhumiex meħtieġa minn din is-Subparti, kif ukoll kwalunkwe tagħmir ieħor li mhumiex meħtieġ minn Annessi oħrajn, iżda li jinġarr fuq titjira, għandhom ikunu konformi ma' dawn li ġejjin:
- (1) l-informazzjoni pprovduta minn dawn l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhiex tintuża mill-ekwipaġġ tat-titjira sabiex tintlaħaq konformità mal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 216/2008; u
  - (2) l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhomx jaffettwaw l-adegwatezza għat-titjir tal-gliders, anki fil-każ ta' ħsarat jew nuqqas ta' funzjonament.
- (d) L-istrumenti u t-tagħmir għandhom ikunu jistgħu jitħaddmu jew ikunu aċċessibbli minnufih mill-istazzjon fejn ikun bilqiegħda l-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira li jkollu bżonn jagħmel użu minnhom.
- (e) It-tagħmir ta' emerġenza kollu meħtieġ għandu jkun faċilment aċċessibbli għal użu immedjat.

##### CAT.IDE.S.105 Tagħmir minimu għal titjira

Ma għandux jingħata bidu għal titjira meta kwalunkwe mill-istrumenti, l-oġġetti ta' tagħmir jew il-funzjonijiet tal-gliders meħtieġa għat-titjira ppjanata ma jkunux operattivi jew ikunu nieqsa, sakemm il-gliders ma jkunx qiegħed jitħaddem skont il-lista ta' tagħmir minimu (MEL).

**CAT.IDE.S.110 Operazzjonijiet taħt VFR – strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni**

- (a) Il-gliders li jitħaddmu taħt VFR matul il-ġurnata għandhom ikunu mgħammra bi strumenti li jkejlu u juru:
- (1) fil-każ ta' gliders bil-magna, il-magnetic heading;
  - (2) il-ħin f' sigħat, minuti u sekondi;
  - (3) l-altitudni tal-pressjoni; u
  - (4) il-veloċità tal-arja indikata.
- (b) Il-gliders li jitħaddmu f' kondizzjonijiet fejn il-glider ma jkunx jista' jinżamm f' attitudni mixtieqa mingħajr referenza għal strument addizzjonali wieħed jew aktar, għandhom ikunu, minbarra dak li jissemma fil-punt (a), mgħammra bi strumenti li jkejlu u juru:
- (1) il-veloċità vertikali;
  - (2) l-attitudni jew id-dawran u ż-żelqa; u
  - (3) il-magnetic heading.

**CAT.IDE.S.115 Titjir fl-isħab – strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni**

Il-gliders li jagħmlu titjir fl-isħab għandhom ikunu mgħammra bi strumenti li jkejlu u juru:

- (a) il-magnetic heading;
- (b) il-ħin f' sigħat, minuti u sekondi;
- (c) l-altitudni tal-pressjoni;
- (d) il-veloċità tal-arja indikata;
- (e) il-veloċità vertikali; u
- (f) l-attitudni jew id-dawran u ż-żelqa.

**CAT.IDE.S.120 Is-siġġijiet u s-sistemi ta' rbit**

- (a) Il-gliders għandhom ikunu mgħammra b':
- (1) siġġu għal kull persuna abbord; u
  - (2) ċintorin tas-sigurtà b' sistema ta' rbit tat-torso ta' fuq għal kull siġġu skont l-AFM.
- (b) Ċintorin tas-sigurtà b' sistema ta' rbit tat-torso ta' fuq għandu jkollu post wieħed minn fejn jinħall.

**CAT.IDE.S.125 Ossiġenu supplementari**

Il-gliders li jitħaddmu f' altitudni tal-pressjoni ta' iżjed minn 10,000 pied għandhom ikunu mgħammra b' apparat għall-ħażna u t-tqassim tal-ossiġenu li jkollu biżżejjed ossiġenu sabiex ikunu jistgħu jieħdu n-nifs:

- (a) il-membri tal-ekwipaġġ għal kwalunkwe perjodu ta' aktar minn 30 minuta meta l-altitudni tal-pressjoni tkun bejn 10,000 pied u 13,000 pied; u
- (b) il-membri tal-ekwipaġġ u l-passiġġieri kollha għal kwalunkwe perjodu meta l-altitudni tal-pressjoni tkun iżjed minn 13,000 pied.

**CAT.IDE.S.130 Titjir fuq l-ilma**

Il-kmandant ta' glider li jitħaddem fuq l-ilma għandu jiddetermina r-riskji għas-salvataġġ tal-persuni li jkunu abbord il-glider f'każ ta' inżul ta' emerġenza, li abbażi tagħhom huwa għandu jiddetermina l-ġarr ta':

- (a) ġakketta tas-salvataġġ, jew tagħmir ekwivalenti li permezz tiegħu individwu jżomm f'wiċċ l-ilma, għal kull persuna abbord, li għandha tintlibes jew li għandu jiġi stivat f'pożizzjoni fejn ikun faċilment aċċessibbli mis-siġġu tal-persuna li għall-użu tagħha jiġi pprovdut;
- (b) transmitter li jsib il-lokazzjoni f'emerġenza (emergency locator transmitter - ELT) jew sinjal li jsib il-lokazzjoni personali (personal locator beacon - PLB), li jinġarr minn membru tal-ekwipaġġ jew passiġġier u li kapaċi jittrażmetti b'mod simultanju fuq 121.5 MHz u 406 MHz; u
- (c) tagħmir li jagħmel sinjali ta' periklu, meta ssir titjira:
  - (1) fuq l-ilma li taqbeż id-distanza tal-gliding mill-art; jew
  - (2) fejn it-tluq jew il-passaġġ ta' avviċinament ikun tant inklinat fuq l-ilma li f'każ ta' inċident ikun hemm il-possibilità ta' inżul ta' emerġenza.

**CAT.IDE.S.135 Tagħmir tas-salvataġġ**

Il-gliders li jitħaddmu fuq żoni fejn ikun partikolarment diffiċli li jsiru t-tfittxija u s-salvataġġ għandhom jiġu mgħammra b'tali strumenti tas-sinjali u tagħmir tas-salvataġġ li jkunu adegwati għaż-żona li jkun sejjer isir titjir minn fuqha.

**CAT.IDE.S.140 Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju**

- (a) Meta jkun meħtieġ mill-ispazju tal-ajru fejn isir it-titjir, il-gliders għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju li jkun kapaċi jagħmel komunikazzjoni bejn żewġ naħat ma' dawk l-istazzjonijiet ajrunawtiċi jew ma' dawk il-frekwenzi sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru.
- (b) It-tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju, jekk ikun meħtieġ minn (a), għandu jipprovdi għall-komunikazzjoni fuq il-frekwenza ta' emerġenza ajrunawtika 121.5 MHz.

**CAT.IDE.S.145 Tagħmir tan-navigazzjoni**

Il-gliders għandhom ikunu mgħammra bi kwalunkwe tagħmir tan-navigazzjoni neċessarju biex jipproċedu skont:

- (a) il-pjan tat-titjira ATS, jekk applikabbli; u
- (b) ir-rekwiżiti applikabbli tal-ispazju tal-ajru.

**CAT.IDE.S.150 Transponder**

Meta jkun meħtieġ mill-ispazju tal-ajru fejn isir it-titjir, il-gliders għandhom ikunu mgħammra bi transponder għar-radar ta' sorveljanza sekondarja (SSR) bil-kapaċitajiet kollha meħtieġa.

8) Għandha tiddaħħal Taqsima 4 ġdida fis-Subparti D – Strumenti, dejta u tagħmir kif ġej:

#### **Taqsima 4 – Blalen tal-arja**

##### **CAT.IDE.B.100 Strumenti u tagħmir – ġenerali**

- (a) L-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa minn din is-Subparti għandhom jiġu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 jekk dawn:
- (1) jintużaw mill-ekwipaġġ tat-titjira sabiex jiġi stabbilit il-passaġġ tat-titjira;
  - (2) jintużaw biex tintlaħaq konformità ma' CAT.IDE.B.155; jew
  - (3) jiġu installati fil-blalen tal-ajru.
- (b) L-oġġetti li ġejjin, meta jkunu meħtieġa minn din is-Subparti, ma jeħtieġu ebda approvazzjoni tat-tagħmir:
- (1) dawl portabbli indipendenti;
  - (2) strument ta' ħin preċiż;
  - (3) kitt tal-ewwel għajnuna;
  - (4) tagħmir tas-salvataġġ u tas-sinjali;
  - (5) sors alternattiv ta' tqabbid;
  - (6) kutra tat-tifi tan-nar jew għata oħra reżistenti għan-nirien;
  - (7) drop line; u
  - (8) sikkina.
- (c) L-istrumenti u t-tagħmir li mhumiex meħtieġa minn din is-Subparti, kif ukoll kwalunkwe tagħmir ieħor li mhuwiex meħtieġ minn Annessi oħrajn, iżda li jinġarr fuq titjira, għandhom ikunu konformi ma' dawn li ġejjin:
- (1) l-informazzjoni pprovduta minn dawn l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhiex tintuża mill-ekwipaġġ tat-titjira sabiex tintlaħaq konformità mal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 216/2008; u
  - (2) l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhomx jaffettwaw l-adeqwatezza għat-titjir tal-ballun tal-ajru, anki fil-każ ta' ħsarat jew nuqqas ta' funzjonament.
- (d) L-istrumenti u t-tagħmir għandhom ikunu jistgħu jitħaddmu jew ikunu aċċessibbli minnufih mill-istazzjon fejn ikun bilqiegħda l-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira li jkollu bżonn jagħmel użu minnhom.
- (e) It-tagħmir ta' emerġenza kollu meħtieġ għandu jkun faċilment aċċessibbli għal użu immedjat.

##### **CAT.IDE.B.105 Tagħmir minimu għal titjira**

Ma għandux jingħata bidu għal titjira meta kwalunkwe mill-istrumenti, l-oġġetti ta' tagħmir jew il-funzjonijiet tal-ballun tal-arja meħtieġa għat-titjira ppjanata ma jkunux operattivi,

sakemm il-ballun tal-arja ma jkunx qiegħed jitħaddem skont il-lista ta' tagħmir minimu (MEL).

#### **CAT.IDE.B.110 Id-dwal tat-tħaddim**

Il-blalen tal-arja li jitħaddmu bil-lejl għandhom ikunu mgħammra bi:

- (a) dwal tal-pożizzjoni;
- (b) strumenti li jipprovdu dawl adegwat għall-istrumenti u t-tagħmir kollha essenzjali għat-tħaddim mingħajr periklu tal-ballun tal-arja; u
- (c) dawl portabbli indipendenti.

#### **CAT.IDE.B.115 Operazzjonijiet taħt VFR – strumenti tat-titjira u tan-navigazzjoni u tagħmir assoċjat**

Il-blalen tal-arja li jitħaddmu taħt VFR għandhom ikunu mgħammra bi:

- (a) strument li juri d-direzzjoni tal-kurrent; u
- (b) strumenti li jkejlu u juru:
  - (1) il-ħin f'sigħat, minuti u sekondi;
  - (2) il-veloċità vertikali, jekk tkun meħtieġa mill-AFM;
  - (3) l-altitudni tal-pressjoni, jekk tkun meħtieġa mill-AFM, jekk tkun meħtieġa mir-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru jew meta l-altitudni tkun trid tiġi kkontrollata għall-użu tal-ossiġenu; u
  - (4) ħlief għall-blalen tal-arja li jaħdmu bil-gass, il-pressjoni ta' kull linja tal-provvista tal-gass li jinharq.

#### **CAT.IDE.B.120 Sistemi ta' rbit**

Il-blalen tal-arja b'kompartimenti għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' rbit għall-kmandant.

#### **CAT.IDE.B.125 Kitt tal-ewwel għajnuna**

- (a) Il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra b'kitt tal-ewwel għajnuna.
- (b) Għandu jinġarr kitt tal-ewwel għajnuna addizzjonali fil-vettura li tintuża biex tiġbor l-affarijiet.
- (c) Il-kitt tal-ewwel għajnuna għandu:
  - (1) jkun aċċessibbli minnufih biex jintuża; u
  - (2) jinżamm aġġornat.

#### **CAT.IDE.B.130 Ossiġenu supplimentari**

Il-blalen tal-arja li jitħaddmu f'altitudni tal-pressjoni ta' iżjed minn 10,000 pied għandhom ikunu mgħammra b'apparat għall-ħażna u t-tqassim tal-ossiġenu li jkollu biżżejjed ossiġenu sabiex ikunu jistgħu jieħdu n-nifs:

- (a) il-membri tal-ekwipaġġ għal kwalunkwe perjodu ta' aktar minn 30 minuta meta l-altitudni tal-pressjoni tkun bejn 10,000 pied u 13,000 pied; u
- (b) il-membri tal-ekwipaġġ u l-passiġġieri kollha għal kwalunkwe perjodu meta l-altitudni tal-pressjoni tkun iżjed minn 13,000 pied.

### **CAT.IDE.B.135 Pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar**

Il-blalen li jaħdmu b'arja sħuna għandhom ikunu mgħammra b'mill-inqas pompa waħda tal-idejn għat-tifi tan-nar kif mitlub mill-kodiċi applikabbli tal-ajrunavigabbiltà.

### **CAT.IDE.B.140 Titjir fuq l-ilma**

Il-kmandant ta' ballun tal-arja li jitħaddem fuq l-ilma għandu jiddetermina r-riskji għas-salvataġġ tal-persuni li jkunu abbord il-ballun tal-arja f'każ ta' inżul ta' emerġenza, li abbażi tagħhom huwa għandu jiddetermina l-ġarr ta':

- (a) ġakketta tas-salvataġġ, jew tagħmir ekwivalenti li permezz tiegħu individwu jżomm f'wiċċ l-ilma, għal kull persuna abbord li tkun iżgħar minn 24 xahar, li għandha tintlibes jew li għandu jiġi stivat f'pożizzjoni fejn ikun faċilment aċċessibbli mill-istazzjon tal-persuna li għall-użu tagħha jiġi pprovdut;
- (b) transmitter li jsib il-lokazzjoni f'emerġenza (emergency locator transmitter - ELT) jew sinjal li jsib il-lokazzjoni personali (personal locator beacon - PLB), li jinġarr minn membru tal-ekwipaġġ jew passiġġier u li kapaċi jittrażmetti b'mod simultanju fuq 121.5 MHz u 406 MHz; u
- (c) tagħmir li jagħmel sinjali ta' periklu.

### **CAT.IDE.B.145 Tagħmir tas-salvataġġ**

Il-blalen tal-arja li jitħaddmu fuq żoni fejn ikun partikolarment diffiċli li jsiru t-tfittxija u s-salvataġġ għandhom jiġu mgħammra b'tali strumenti tas-sinjali u tagħmir tas-salvataġġ li jkunu adegwati għaż-żona li jkun sejjer isir titjir minn fuqha.

### **CAT.IDE.B.150 Tagħmir mixxellanju**

- (a) Il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra b'ingwanti protettivi għal kull membru tal-ekwipaġġ.
- (b) Il-blalen li jaħdmu b'arja sħuna għandhom ikunu mgħammra b':
  - (1) sors alternattiv ta' tqabbid;
  - (2) strument li jkejje u jindika il-kwantità tal-karburant;
  - (3) kutra tat-tifi tan-nar jew għata oħra reżistenti għan-nirien; u
  - (4) drop line b'tul ta' mill-inqas 25 metru.
- (c) Il-blalen tal-arja li jaħdmu bil-gass għandhom ikunu mgħammra b':
  - (1) sikkina; u
  - (2) drop line b'tul ta' mill-inqas 20 metru magħmul minn fibra naturali jew minn materjal konduttiv elettrostatiku.

**CAT.IDE.B.155 Tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju**

- (a) Meta jkun meħtieġ mir-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru, il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju fl-istazzjon tal-bdot, li jkun kapaċi jagħmel komunikazzjoni bejn żewġ naħat ma' dawk l-istazzjonijiet ajrunawtiċi jew ma' dawk il-frekwenzi sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru.
- (b) It-tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju, jekk ikun meħtieġ minn (a), għandu jipprovdi għall-komunikazzjoni fuq il-frekwenza ta' emerġenza ajrunawtika 121.5 MHz.

**CAT.IDE.B.160 Transponder**

Meta jkun meħtieġ mill-ispazju tal-ajru fejn isir it-titjir, il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra bi transponder għar-radar ta' sorveljanza sekondarja (SSR) bil-kapaċitajiet kollha meħtieġa.